**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors numru : 407/2016 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fit-tnejn (2) ta' Jannar 1983 – Vide Certifikat taz-Zwieg hawn anness bhala Dok. 'A';
2. Illi minn tali zwieg kellhom zewgt itfal bl-isem li illum ghandhom wiehed u tletin (31) sena u disgha u ghoxrin (29) sena rispettivament;
3. Illi l-partijiet huma sseparati legalment minn xulxin u dana permezz ta' kuntratt pubbliku datat ghoxrin (20) ta' Marzu 2013 fl-Atti tan-Nutar Joseph Debono hawn anness – Vide Dok 'B';

4. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom separati legalment minn xulxin mill-ghoxrin (20) ta' Marzu 2013 u cioe' mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni, b'dan pero' illi l-partijiet kienu ilhom sseparati *de facto* min Lulju 2012 u fil-fatt il-medjazzjoni li waslithom sabiex jiffirmaw il-kuntratt *de quo* kienet debitament infethet fil-hamsa (5) ta' Settembru 2012;
5. Illi r-rikorrenti ma jara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;
6. Illi ma hemmx pendenzi dwar manteniment li ghandu jivversa r-rikorrenti lill-intimata ghal bzonnijiet taghha u/jew tat-tfal u dana ghaliex il-partijiet kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin fuq il-kuntratt su-imsemmi u t-tfal tal-partijiet kienu ikbar mill-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena fid-data tal-kuntratt su-imsemmi;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn ir-rikorrenti u bejn l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru 2016;

Semghet lill-intimata, prezenti fl-awla, tiddikjara illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenturi fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Marzu 2013, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.